MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 440/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**
**Vs**
**Joseph Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Robert Vella, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fix-xahar ta' Jannar, 2011 u fix-xhur ta wara fl-ghalqa bhala porzjon nru 10/11 fil-kontrada mal-Lunzjata l/o Rabat Malta :
Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel b'awtroita` tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Antonio Vella fil-pussess ta' hwejjgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija apparti milli tapplika l-piena stabbilita skond il-Ligi tordna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi, u cioe` l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-imputat Joseph Vella hati ta' dan ir-reat u kkundannatu multa ta' sittin Ewro (€60). Il-Qorti ordnat ukoll li kopja tas-sentenza flimkien mat-transcript tax-xhieda moghtija minn Rita Vella, tintbghat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tigi nvestigata ulterjorment dwar jekk haditx gurament falz f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Vella pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Novembru, 2011 li bih talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabithu hati u kkundannatu multa ta' sittin Ewro, u minflok, ma ssibx htija tal-istess appellat f'din l-akkuza, u tilliberah minn kull piena nflitta fuqu, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga ulterjorment dwar jekk Rita Vella haditx gurament falz f'dawk il-proceduri.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant li huwa is-segwenti :

Illi l-ewwel Qorti, erroneament iddikjarat li ghax meta xehed l-imputat fid-19 ta' Ottubru, 2011, u qal li kien qed jokkupa r-raba in kwistjoni minkejja li jaf li kienet registrata f'isem haddiehor, allura b'hekk kien fixkel lil hutu fil-pussess taghhom tar-raba.

Izda l-fatt hu li hut l-imputat qatt ma kellhom il-pussess materjali tar-raba, liema pussess kien ilu snin shah f'idjen l-imputat. Fl-ahjar ipotezi ghal hut l-imputat, dawn setghu biss jivvantaw minn xi titolu fuq ir-raba fl-astratt (ghalkemm dan l-aspett jikkostitwixxi vertenza pendenti bejn l-imputat, ommu u hutu) imma mhux ukoll il-pussess materjali, ghax dan qatt ma kien f'idejhom !

Hi x'inhi, il-punt u fatt krucjali fil-kaz odjern jibqa` li hemm in-nuqqas totali tal-prova li l-imputat fixkel lil xi hadd fil-

pussess ta’ hwejjeg li xi hadd iehor ikun qed igawdi. Jekk hemm xi hadd li issa qed jigi mfixkel fil-pussess, huwa propju l-imputat rikorrent minhabba din l-akkuza mahruga kontrih. L-esponent ma ghamel ebda att estern li spolja lil xi hadd iehor li kien qed igawdi r-raba ; ghajr issa, wara diversi snin, l-esponent ma kellu ebda oppozizzjoni espressa jew presunta sabiex ikompli fil-pussess u tgawdija tar-raba. B’ hekk, element kostituttivb tar-reat addebitat, u cjoe` l-att estern li jispolja lil xi haddiehor, huwa mankanti ghal kollox. Kwindi, bir-rispett kollu, l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet ragonevolment u legalment issib lill-esponent hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Il-punt kruċjali, jew aħjar l-aggravju tal-appellant huwa li hemm nuqqas ta’ prova :

‘*li l-imputat fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta’ ħwejjeġ li xi ħadd ieħor ikun qed igawdi’ Is-sottomissjoni ewlenija tad-difiża hija li għal bosta snin ma kien hemm ebda oppożizzjoni espresso jew presunta sabiex l-appellant ikompli fil-pussess u t-tgawdija tar-raba’. Isegwi, skont l-abbli difensur, li l-att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor huwa mankanti għal kollox.’*

Din il-Qorti ma tbiddilx deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din setgħet tasal għal din id-deċiżjoni raġonevolment u legalment. Kif intqal fis-sentenza ‘Il-Pulizija versus Omissis’ (Qorti tal-Appell Kriminali 5 ta’ Ġunju 2003) :

‘Issa gie dejjem ritenut li din il-Qorti bħala Qorti ta’ revizjoni ma tiddisturbax leggerment il-konklużjoni ta’ l-Ewwel Qorti dwar apprezzament ta’ fatt izda tagħmel eżami approfondit tal-provi biex tara jekk fuq il-fatti rizultanti l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konklużjoni li tkun waslet għaliha b’mod ‘safe u satisfactory’. Kif ġie ritenut minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża “R. vs. Cooper” [1969] 1 QB 276 :-

"Assuming that there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .." (Ara ukoll Blackstone's Criminal Practice (1991) , p.1392)

Il-Qorti semgħet ix-xhieda u rat l-affidavit ta' PS 1243 G.Polidano. F'dan l-affidavit hemm kwerela magħmula minn Carmen Camenzuli u Anthony Vella peress li dawn għandhom it-titolu tar-raba' indikat aħjar bħala porzjon numru 10/11 fil-kontrada tal-LUnzjata ir-Rabat , Malta. Matul dawn l-aħħar xhur u żgur wara Jannar tas-sena 2011 Joseph Vella qed jokkupa din l-art b'mod arbitrarju. Skont Antonio Vella, Jospeh Vella ma riedx jagħihom iċ-ċwievet tal-għalqa. L-għalqa kienet f'isem ommu iżda dan l-aħħar din kienet daret f'ismu u f'isme oħtu Carfmen Camenzuli.

Min-naħa l-oħra l-appelalnt kien qallu li ommu kienet tagħtu l-għalqa. Huwa ma kienx ħa jagħtihom iċ-ċwievet għax hwua kellu dritt daqshom. Ommu kienet iffirmat biex l-għalqa ssir tiegħu.

Xehed Rosario Galea, l-assistant direttur fl-Uffiċju Konġunt u rrefera u ppreżenta skrittura tad-9 t'Ottubru 2010 quddiem in-nutara Miraima Spiteri Debono. Rita Vella, omm l-appellant, iddikjarat f'paragrafu minnhom li kienet iffirmat xi karti lima kintix taf x'inhuma li setgħu kienu jirrigwardaw porzjonijiet ta' art bi qbiela deskritti f il-paragrafu preċedenti tal-iskrittura. Imbagħad tkompli li hi riedet iċċedi l-qbiela favur Carfmen Camenzuli. Bħal issa t-titolu qiegħed favur Carmen Camenzuli u Anthony Vella.

Fil-kontro-eżami huwa qal li fil-bidu l-artijiet kienu mmarkati bħala 11 u 12 u issa saru 10 u 11.

Fir-ri-eżami, ix-xhud qal li l-appellant ma kienx ġie rikonoxxut. Huwa rrefera għal ittra oħra tal-Avukat tad-dipartiment Dr Josianne Azzopardi (tal-5 ta' Lulju 2010) li

kienet qed tgħid li s-sinjura Vella qatt ma riedet tittrasferixxi xi parti mill-qbiela tagħha.

A fol 12 tidher irċevuta maħruġa mid-dipartiment tal-Joint Office għall-perjodu 15/08/2003 għall-perjodu 14/08/2004.

A fol 13, tidher ittra ta' acknowledgement tad-29 t'April 2005 mibgħuta lill-Avukat Dr Lanfranco fuq il-porzjonijiet 11 u 12 Irdum tal-Lunzjata r-Rabat Malta o.b.o the heirs of Anthony Vella. L-ittra kienet datata 27 t'April, 2005. (fol 24).

A fol 21 jinsab id-dokument immarkat CSU 5 li jħib id-data tal-20 ta' Jannar 2011 iffirmat minn Dr Josianne Azzopardi għad-dipartiment tal-joint office. B'din l-ittra kient rikonoxxuta Carmen Camenzuli flimkien u in solidum ma' ħuha Anthony Vella bħala gabillotti tr-raba' 10 u 11 kontrada tal-Lunzjata, Rabat. Dan ir-rikonoxximent sar:

'A bażi tad-dikjarazzjoni li saret minn Rita Vella fil-preżenza tas-sottoskritta u tad-direttur tal-Uffiċju konġunt nhar id-19 ta' Jannar 2011 kif ukoll tal-iskrittura li saret quddiem in-Nutar Myriam Spiteri Debono nhar id-9 t'Ottubru 2010. '

L-avukat Dr.Lanfranco ippreżenta wkoll xhieda ta' Rita Vella fiċ-ċitazzjoni li kienet saret fil-Prim'Awla (fol 15), parti mis-sentenza fl-ismijiet Anthony u Rita Vella versus Geraldu u Mary Farrugia sabiex juri li huwa, bħala avukat, kien jaf lil Rita Vella. Ma dawn hemm kopja tal-iskrittura private li saret fil-11 ta' Settembru 2008 bejn Rita Vella u Joseph Vella li biha Rita Vella irrinunzjat għal kull titolu ta' inkwilinat fuq il-porzjon numru 12 formanti parti mir-raba' msejjaħ l-Irdum tal-Lunzjata r-Rabat. Imbagħad għaddiet l-inkwilinat fuq il-porzjon numru 12 fuq binha Joseph Vella.

Rita Vella kienet xehdet meta kellha 83 sena fid-dar tagħha stess u fol 22 et hemm ix-xhieda meħuda bil-miktub. Meta ntweriet l-iskrittura tal-11 ta' Settembru 2008 hija ċaħdet li lp-firma kienet tagħha għalkemm qalet

li xi darba kienet marret ma' binha għand avukat u ffirmat karta. Qalet ukoll li kitbet isimha iżda ma ftakritx għaliex kienet għamlet hekk. Hija kienet taf li dawret ir-raba' fuq bintha Carmen u 'binha Toni' għand il-joint office.

Quddiem din il-Qorti xehed ukoll l-Avukat Dr Francis Lanfranco biex juri li huwa kien jaf lil Rita Vella u lir-raġel tagħha Anthony Vella għaliex kienu marru għandu biex jagħmlu kawża ċivili kontra xi ġirien.

Meta miet ir-raġel ta' Rita Vella, kienu kellmuh l-appellant u Rita Vella fuq xi raba' li dejjem kien ħadem Joseph Vella. U l-omm kienet qalet li riedet iddawwar ir-raba' fuq binha għax hu biss imur hemm. L-Avukat ħejja abbozz ta' skrittura privata (11 ta' Settembru 2008) u huwa kien qraha u fehemha lil Rita Vella. Din kienet kuntenta biha u kien hemm l-identity cards taż-żewġ partijiet. Dak iż-żmien in-numbers tal-plots kienu 11 u 12. Il-Joint Office kienu bagħtu għall-appellant biex iġib firma ta' ommu minħabba li n-numbering tar-raba' kien ħażin. Mrs Camenzuli qatt ma resqet lejn ir-raba'.

Fil-kontro-eżami, Dr Lanfranco qal li ma kienx jaf jekk il-Joint Office kienx irrikonoxxa jew le t-trasferiment li sar. Huwa ma kienx jaf li saret skrittura oħra.

Ikkonsidrat
Li d-difiża qed tibbaża l-argument ewlieni tagħha dwar il-kwistjoni tal-'pussess' li kellu l-appellant u li hu qatt ma fixkel il-pussess ta' ħadd.

Mill-atti jirriżulta li l-art in kwistjoni kienet imqabbla mill-joint office. Meta wieħed ikun qed iħallas il-qbiela huwa teknikament mhux il-pussess għandu iżda d-detenzjoni. U dan għaliex il-pussess huwa definit hekk fil-Kap 16:

*'524. (1) Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li tagħhom tista' tinkiseb il-proprjetà, u li wieħed iżomm jew jeżerċitah bħala tiegħu nnifsu.'*

Meta wieħed iħallas il-qbiela huwa qatt ma għandu l-‘animus rem sibi habendi’ li jirrikjedi l-pussess u għalhekk kull min kien qed iħallas il-qbiela fuq ir-raba’ msemmi kien biss detentur.

Biss il-kelma ‘pussess’ fl-artikolu 85 għandha tiftiehem f’sens wiesgħa u mhux fis-sens limitat tala-rtikolu 524 tal-Kap 16.

L-abbli difensur jissottometti wkoll li m’hemmx prova li l-appellant fixkel il-pussess ta’ xi ħadd.

Hawnhekk il-Qorti ser teżamina jekk din is-sottomissjoni hix korretta fl-isfond tal-elementi rikjesti għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap 9.

**L-elementi tar-reat tar-ragion fattasi fl-artikolu 85 tal-Kap 9**

Kont is-sentenza ‘ Il-Pulizija vs Mario Bezzina’ (26 ta’ Marzu, 2004, kif preseduta mill-Imħallef l-Onor. David Scicluna) l-elementi tar-reat ta’ ragion fattasi taħt l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma - kif gie diversi drabi ritenut fil-ġurisprudenza tagħna:

“(1) att estern li jispolja lil xi ħadd iehor minn haga li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew presunta, ta’ dan il-ħaddieħor;

(2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b’eżerċizzju ta’ dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel ‘di private braccio’ dak li jmissu jsir per mezz ta’ l-awtorita’ pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d’Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, ‘la persuasione di fare da se’ cio’ che dovrebbe farsi reclamando l’opera del Magistrato’); u

(4) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta’Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta’ Frar,

1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta’ Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni able Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, joħroħ mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista’ jagħti lok għar-reat ta’ ragion fattasi jew għal reat ieħor (ħsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta’ ragion fattasi jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika”2.

Mill-atti jirriżulta

(a) li t-time frame taċ-ċitazzjoni huwa ‘fix-xahar ta’ Jannar 2011 u fix-xhur ta’ wara’.

(b) li l-kwerela ta’ Carmen Camenzulu u Anthony Vella saret fit-22 ta’ Marzu 2011’

(ċ) li l-appellant qal lill-PS 1243 G.Polidano li ċ-ċwievet imsemmija ma kienx ser jagħtihomlhom għax hu għandu dritt daqshom u mhux imbilli kienu dawru l-għalqa f’isimhom. Ommu kienet tatu l-għalqa. (Dan huwa x’qal l-appellant (qabel imputat) lill-Pulizija u għalhekk mhux hearsay evidence);

(d) li l-Joint Office kien talab lill-appellant iġib il-firma t’ommu mill-ġdid minħabba li l-plots kienu indikati ħażin;

(e) li fl-20 ta’ Jannar 2011 il-Joint Office kien irrikonoxxa lil Carmen Camenzuli flimkien ma’ ħuha Anthony Vella bħala gabillotti tar-raba’ msemmi fl-20 ta’ Jannar 2011.

(f) li l-iskrittura privata tal-11 ta’ Settembru 2008 l-art imsemmija hija l-porzjon numru 12;

(g) li ma nġabet ebda prova li l-Joint Office kien irrikonoxxa lil Joseph Vella bħala l-gabilott.

Il-Qorti waslet għal dawn il-konklużjonijiet:

Li m’hemmx prova li l-iskrittura privata tal-11 ta’ Settembru 2008 ġiet korretta u għalhekk hija monka għal kollox bħala kuntratt minħabba li l-oġġett huwa indikat ħażin.

Li l-appellant qatt ma ġie rikonoxxut mill-Joint Office bħala l-gabilott tal-plots 10 u 11 fil-kontrada tal-Lunzjata l/o Rabat.

Li b’seħħ mill-20 ta’ Jannar 2011, il-gabilotti rikonoxxuti kienu Carmen Camenzuli u Anthony Vella.

Li l-appellant baqa’ ma jridx jagħti ċ-ċwievet lil ħutu.

Meta l-appellant ċaħħad iċ-ċwievet lil ħutu wara l-20 ta’ Jannar 2011 huwa kien qed iċaħħad lil ħutu milli jgawdu l-art in kwistjoni bis-saħħa tar-rikonoxximent tal-Joint Office. Dawn urew l-oppożizzjoni tagħhom billi għamlu kwerela għand il-Pulizija. Għalhekk huwa soddisfatt l-ewwel element ta’ dan ir-reat.

L-appellant kellu l-kredenza li huwa qed jeżerċita dritt għax, skont hu, huwa kellu dritt daqshom u ommu kienet qalbet l-art fuqu. B’dan l-aġir qed ikujn soddisfatt it-tieni element tar-reat.

L-appellant kien jaf li qed jaqbad u jieħu l-liġi b’idejh.
B’dan huwa soddisfatt it-tielet element tar-reat.

U

L-appellant kien jaġixxi mingħajr ebda titolu u dan għax l-iskrittura privata tal-11 ta’ Settembru 2008 ma kinitx valida minħabba żball fl-oġġett kif ukoll minħabba l-ittra li nħarġet mill-Joint Office tal-20 ta’ Jannar 2011 li biha kienu rikonoxxuti persuni oħra bħala l-gabillotti. B’dan huwa soddisfatt ir-raba’ element.

---

1Ara wkoll Appell Kriminali I1-Pulizija vs Joseph Bonnici, 26 ta’ Mejju 1995.

2 Appell Kriminali Il-Pulizija vs Mario Lungaro, 15 ta' Novembru 1996. Vol. XLII.iv. 1453).

Mhux biss huma soddisfatti l-erba' elementi, iżda din il-Qorti ta' reviżjoni qed tqis ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet f'pożizzjoni aħjar biex tiżen il-fatti kollha għaliex quddiemha xehed l-appellant waqt li matul is-smigħ tal-appell huwa ma reġax xehed. Dan mhux għax kien hemm xi obbligu li l-appellant jixhed. Iżda għaliex Qorti tal-Appell ma tistax tkun f'pożizzjoni li tista' tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet għamlet deċiżjoni li mhix raġjonevolment u legalment aċċettabbli jekk il-Qorti tal-Appell tispiċċa b'xhud importanti anqas milli kellha l-Ewwel Onorabbli Qorti.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-26 t'Ottubru 2011 fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------